# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 904/01mm**

**Vincent Brincat**

**vs**

**Martin Cilia**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghar-rifuzjoni tas-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000.00) flus li l-konvenut ircieva minghand l-attur ghall-prezz ta' karrozza Suzuki Jeep numru tar-

registrazzjoni FAF-015 li sussegwentement il-konvenut abbusivament, b'forza u minghajr il-kunsens tieghu ha lura mill-pussess ta' l-attur.

Bl-imghaxijiet mid-9 ta' April, 1997, u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tas-7 ta' Frar, 2001, u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta' Dicembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Deputat Registratur

Anthony Zammit

Deputat Registratur